# Beati u Qaddisin...Dicembru

## SAN JUAN DIEGO

## 9 TA' DICEMBRU

Fis-sena 1474, hamsin sena qabel ma rcieva l-isem ta' Juan Diego fil-maghmudija, twieled tifel gewwa l-Messiku li tawha l-isem ta' Cuauhtlatoatzin jigifieri l-ajkla li tkanta. Kienu l-patrijiet frangiskani li bis-sahha taghhom, dan ir-ragel flimkien ma' martu kkonvertew lejn ir-religjon kattolika. Kienet is-sena 1542 li Cuauhtlatoatzin u martu dahlu jaghmlu sehem mill-membri tal-Knisja Kattolika. Dan il-bidwi li issa ha l-isem ta' Juan Diego kien jimxi mili shah biex jitghallem.



Did-9 ta' Dicembru Juan Diego kien ghaddej jghaggel biex jilhaq il-quddiesa fil-Festa ta' Marija Mmakulata. Imma l-mara li taghha kien ser jiccelebra fil-knisja t-tifkira taghha, giet tiltaqa' mieghu.

Bid-djalett ta' Juan Diego il-mara kollha dija ntroduciet ruhha bhala Omm Alla."Barra minn hekk jiena wkoll Omm li taf thenn, tieghek u ta' dawk kollha li jghixu f'din l-art u anke tal-bnedmin kollha." Hija ghamlet talba lil Juan Diego biex jghid lil isqof tal-lokal halli jibni kappella f'dak il-post tad-dehra ghall-gieh ta' Binha.

L-isqof tal-post ma emmnux u Juan Diego qallu li jgiblu provi wara li jtemm jiehu hsieb zijuh li kien fix-xieraq tal-mewt.

Fi triqtu lejn il-knisja fit-12 ta' Dicembru biex isejjahlu sacerdot, Juan Diego jiltaqa' mill-gdid ma' Marija Ssma. Weghditu li tfejjaq lil zijuh u tatu sinjal biex jurih lil isqof. Fuq l-gholja fejn iltaqghu ghal l-ewwel darba kellu jsib il-ward u fjuri ohra li ma kienx zmienhom li jikber, ghaliex kienet ix-xitwa.

Huwa mar u qata' il-fjuri u gabhomlha u Hija poggiethomlu fit-tilma ( libsa tradizjonali li jilbsu l-Messikani) u wissietu biex ma jiftahx t-tilma jekk mhux quddiem l-isqof.

Meta urieh lil isqof u fethu quddiemu, l-isqof ra ix-xbiha ta' Marija Ssma stampata fuq it-tilma u mdawra bil-fjuri. L-isqof bena' knisja zghira skont ix-xewqa tal-Madonna, li maz-zmien saret wahda mill-aqwa Bazilki fid-dinja u anke wahda ffrekwentata b'follol kbar.

Din il-grajja serviet biex mhux biss hafna Messikani jikkonvertu lejn il-Vangelu ta' Kristu, izda ukoll Juan Diego mexa' 'l quddiem fil-hajja spiritwali tieghu.

Kien il-Papa San Gwann Pawlu II li bbejatifikah fis-sena 1990 u kkanonizah fis-sena 2002.